MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Appell Civili Numru. 106/2002/1

**Josephine Azzopardi**

**vs**

**Rose Cilia**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Jannar, 2007, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Bord,
>
> Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-22 ta' Ottubru, 2002 fejn esponiet:
>
> Illi hija tikri lill-intimata l-fond 11/12, Long Street, Haz-Zebbug (Malta) versu l-kera ta' tnax-il lira Maltin (Lm12) fis-sena liema kera taghlaq fl-ahhar tas-sena;

Illi l-fond qed jithalla jiddeterjora minhabba li ilu abbandunat mill-intimata;

Illi l-fond inkwilinat gie abbandunat mill-intimata u kwindi hemm bdil fid-destinazzjoni tal-fond kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni u kwindi hemm lok ghal ripresa tal-fond;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dan il-Bord joghgbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond 11/12 Long Street, Haz-Zebbug (Malta) ghar-ragunijiet suesposti.

Ra r-risposta ta' l-intimata pprezentata fis-17 ta' Jannar 2003 fejn esponiet:

Preliminarjament, mhux korrett dak li hemm fir-rikors li l-kera taghlaq fl-ahhar tas-sena, billi d-data tal-iskadenza tal-kera ta' kull sena, hija t-28 ta' Ottubru;

Illi fit-tieni lok u dejjem in via preliminari, n-nullita' tar-rikors stante li ma saret ebda talba mir-rikorrenti, sabiex dan il-Bord ma jgedditx il-kera u ntalab biss ir-ripreza tal-fond;

Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi l-fond qed jithalla jiddeterjora, kif qed tallega r-rikorrenti, izda kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors, il-fond gie ammeljorat;
Illi fir-raba' lok, mhux minnu li l-fond gie abbandunat kif tallega r-rikorrenti, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tar-rikors, u in oltre' r-rikorrenti lanqas ma ghandha ebda raguni li tirriprendi l-pussess tal-fond a bazi ta' bdil ta' destinazzjoni. F'kull kaz, ir-rikorrenti dejjem accettat il-kera tal-fond u l-ewwel darba li ma accettatx il-kera kien biss ghall-iskadenza tat-28 ta' Ottubru 2002, liema kera giet depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti titlob bir-rispett, li dan il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti u ma jawtorizzax ir-ripreza tal-fond 11/12 Long Street, Haz-Zebbug, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgha t-trattazzjoni ta’ l-avukati.

Ra s-sentenza tieghu tad-19 ta’ Mejju 2003.

Ikkunsidra:

1. L-ewwel kawzali tar-rikorrenti hija d-deterjorazzjoni tal-fond. Dwar din il-kawzali r-rikorrenti ma ressqet l-ebda provi. Minn naha intimata gie pruvat li l-fond huwa qadim, xi darba kien ‘kwazi razzett’, u l-intimata u l-familja taghha rrangawh. Illum hemm saqaf wiehed li hu perikoluz. Min jallega irid jipprova. Billi r-rikorrenti ma pruvat xejn it-talba msejsa fuq din il-kawzali qed tigi michuda.

2. Il-partijiet inxtehtu fuq it-tieni kawzali: abbandun mill-intimata tal-fond, mikri bhala ghamara, non uso li jwassal ghal bdil ta’ destinazzjoni.

3. Il-partijiet huma qraba ta’ xulxin. Ir-rikorrenti wirtet il-fond minghand nannitha Giuseppa Cachia meta l-intimata u zewgha (illum mejjet) kienu diga’ kerrejja fil-post. L-intimata izzewget fl-1958 u u kriet id-dar fil-1963. Hemm hekk ghexet ma’ zewgha li gie nieqes ta’ sittin sena (60) fil-15 ta’ April 1997. Kellha zewgt itfal, tifel jismu bhal missieru Joseph u lix-xhud Nancy mizzewga Mangion. It-tifel gie nieqes fit-28 ta’ Settembru

1996 (miet qabel missieru) ta’ sebgha u tletin sena (37). L-intimata illum ghandha sitta u sittin sena (66).

4. Ir-rikorrenti tistqarr li wara l-mewt ta’ zewgha l-intimata marret toqghod ma’ bintha gewwa l-Bahrija. Ressqet bhala xhud rapprezentant tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li fisser li l-fond hu registrat bhala ‘domestiku’ u li stqarr li:

> *“bazikament il-meter reader dejjem mar hemmhekk, mis-sena elfejn ‘l hawn...... (il-meter) dejjem .... “not in use”....... (il-meter reader) qari kien dejjem jiehu u kien dejjem l-istess il-qari, jigifieri ma kienx hemm konsum” (seduta 14 ta’ Lulju 2003 a fol 21). Dwar id-dawl ma kienx hemm konsum (fol 22).*

5. L-intimata tghid li fis-sena 1996 *“maraddli t-tifel u mietli, sitt xhur wara mietli hu (i.e. r-ragel). Intfajt wahdi, ma kontx niflah noqghod wahdi, mort mat-tifla li toqghod il-Bahrija* (fol 35). Kienet tinzel f’darha biex *“taghmel xi facendi”, “tnejn, tliet darbiet fil-gimgha. Jumejn, tlett ijiem*”. Marret lura Haz-Zebbug ghal habta ta’ Settembru 2004. Ir-rikors gie prezentat fit-22 ta’Ottubru 2002 u gie notifikat lill-intimata fl-14 ta’ Dicembru 2002, l-Bahrija, fid-dar ta’ bintha u zewgha u tifel ta’ 10 snin.

6. Qabel ma regghet marret Haz-Zebbug ghal kollox:

> *“Kont nghid qieghda hemmhekk (ie Haz-Zebbug), innaddaf u nsajjar xi haga, sakemm isirli l-hin, ghax hemmhekk kelli problema bil-karozza, nitlaq ma’ tad-disgha, nistenna l-mini bus, imbaghad irrid nerga’ nilhaq tal-hamsa u kwart mir-Rabat ghal hemmhekk”* (sic).

Izzid dwar id-dar ta’ Haz-Zebbug:

> *“L-affarijiet li kelli ghadhom hemmhekk, tlett ikmamar tas-sodda, salott, kcina, kamra ta’ l-ikel, banju u zewgt ikmamar......”*

Ghand bintha hadet hwejjigha biss fejn kienet tahsilhom (fol 37-38).

Xahar qabel ma bdew il-proceduri cemplitilha r-rikorrenti dwar l-istat tal-fond. Il-kera baqghet tigi accettata sa "qisu 2000,2001". Ir-rikorrenti, skond l-intimata kienet taf li hi qeghda ma' bintha, li telqet minghandha *"ghax hassejtni li issa mhux hazin"* (fol 40).

7. Bint l-intimata:
   *"Seba' snin ilu l-ewwel miet hija..... wara xi sitt xhur miet il-papa'. U l-mama spiccat wahedha u kienet ghaddejja minn depression kbir, u zmien difficli, ma hemmx ghalfejn nispjega u ddecidejna li tigi ghal xi ftit taz-zmien mieghi*".

Ftehim dwar kemm ser tibqa' l-omm ma kienx hemm. Inghatat *'kamra wahda fejn kienet torqod biss'* bla ebda hlas. Ommha meta marret kienet fi stat hazin hafna, biz-zmien giet 'l quddiem. *"Hasset li ghandha toqghod mieghi sa kemm thossha li hi tkun indipendenti (u) terga' toqghod wahedha."* Dwar id-dar Haz-Zebbug ommha *"baqghet tinzel darba, darbtejn f'gimgha, gieli nizlet tlieta, gieli nzilt jien nittawwal ukoll, jigifieri li baqghet (ghax) dik hija d-dar taghha...... ma kienx gost taghha li giet ghandi".*

U

*"Hemmhekk kellha l-ghamara, kellha kollox, dik kienet id-dar taghha..... fejn trabbiet, fejn rabbiet lilna....... li baqghet marbuta ma' Haz-Zebbug, ma kellha l-ebda mod.....li tispicca l-Bahrija"*.

Ommha kienet tiekol ghandha u hemm tahsel hwejjigha. *"Hi giet ghandi ghax is-sitwazzjonijiet gew hekk. Issa li hassitha li qeghda ... terga' tista' tghix wahidha..... nizlet Haz-Zebbug".*

8. Il-bint tfisser l-istat ta' ommha wara zewg imwiet, kif tfisser ghaliex lil ommha ma baghtithiex f'xi dar jew l-isptar. Kienet ommha li talbitha li tmur ghandha sakemm thossha ahjar. Ommha qatt ma hadet kura minn xi specjalista minhabba l-istat li sabet ruhha fih.

9. Cettina Azzopardi gara ta' l-intimata tghid xi haga dwar l-istat ta' sahha taghha wara l-mewt ta' zewgha, li wara hi kienet taraha fid-dar Haz-Zebbug, tiehu hsieb l-istess dar. Marret lura Haz-Zebbug, tinsab tajba u tghinha.

10. In re 'Falzon et vs Agius et' (Appell 11 ta' Frar 2004) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Frar 2004 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fissret:

> *"jigi rilevat l-ewwelnett illi fl-interpretazzjoni li fiz-zminijiet differenti nghatat mill-Qorti taghna bil-fatti konsimili ghal dawk in ezami gie annunzjat il-principju illi meta persuna anzjana, inkwilna ta' fond issib ruhha f'sitwazzjoni minhabba ragunijiet ta' sahha, li ma tkunx abitwalment tirrisjedi fil-fond mikri u jkollha tirrikovera ruhha f'istitut, dar ghall-anzjani jew ghand familjari, dan il-fatt ma jikkostitwix 'non uso' fit-termini stretti tal-ligi u lanqas jammonta ghall-abbandun"* (ara fost ohrajn is-sentenzi fl-ismijiet "Carmelo Ritchie vs Anthony Vassallo", Appell 14 ta' Gunju 1996 u 'George Felice vs Gianni Cilia', Appell 28 ta' Gunju 2001).

L-ispjega solitament moghtija mis-sentenzi ghal dan il-principju hi dik hi f'kazijiet bhal dawn ma jistghax jigi eskluz li l-kerrej ikompli jzomm id-dar lokata sabiex jekk jiddejjaq jew ifieq huwa jkun jista' jirritorna fiha. Ara ("Mary Abela noe vs Joseph Camilleri', Appell Sede Inferjuri, 22 ta' April 1996 u 'Lino Bonnici vs Michelina Livori', Appell Civili 30 ta' Novembru 1983). Opportunament minn naha l-ohra, tajjeb li jigi

mfakkar ukoll il-principju l-iehor illi non uso ta’ dar ta’ abitazzjoni jista’ jikkostitwixxi uzu divers in kwantu jekk ikun jirrizulta li post mikri ghall-iskop ta’ abitazzjoni ma jkunx qed isir uzu minnu ghal dan l-iskop ghax il-kerrej ilu li abbandunah permanentement dan ikun ifisser li l-kerrej qed “juza l-post xort’ohra milli ghall-iskop li l-fond ikun gie lilu moghti b’kera” (art. 9 tal-Kap 69). (ara a propozitu ‘Dr Louis Camilleri vs Valerio Valente noe’, Appell Civili 28 ta’ Mejju 1979). Jiddependi ghalhekk mill-fattispecie tal-kaz partikolari jekk ghandux jigi sostnut il-principju l-wiehed jew l-iehor. Ma jistax ikun dubitat illi l-piz tal-prova in suffragju tal-premessa dedotta fir-rikors tibqa’ mill-bidu sa l-ahhar fuq ir-rikorrenti sidien li jallegaw l-abbandun. Prova din li trid tkun mhux biss attendibbli izda trid ukoll tkun tali li tikkonvinci lil min irid jiggudika li hi manifestament wahda perswaziva u minghajr ombra ta’ dubbju. Dan anke ghaliex kif drabi ohra ripetut imtenni, f’kaz ta’ dubbju fl-interpretazzjoni tal-fatti dan id-dubbju ghandu jmur favur il-kerrej. Dan in bazi ghall-konsiderazzjoni wkoll illi l-iskop tal-ligi mhux dak li tivvantagga lis-sid b’mod li jkun jista’ jipprofitta ruhu minn kwalunkwe cirkostanza biex jipprima lill-kerrej mit-tgawdija tal-haga lilu moghtija (Koll Vol XXX1-1-110, Vol XXXV1-1-168).

11. Ara wkoll ‘Cachia et vs Zammit McKeon noe’ (Appell mill-Bord, 23 ta’ April 1998), ‘Tessie Desira vs Alfred Cassar (Appell 11 ta’ Jannar 2006) u Carmen Ellul vs Giuseppe Bugeja’ (moghtija wkoll fil-11 ta’ Jannar 2006, Appell).

12. Bejn il-1996/1997 hemm qbil li lill-intimata mitulha binha u zewgha u marret ghand bintha l-Bahrija u ma baqghetx Haz-Zebbug. Marret lura ghall-habta ta’ Settembru 2004. L-intimata halliet l-ghamara fid-dar ta’ Haz-Zebbug u t-telephone. Ghand bintha hadet l-affarijiet personali. Lir-rikorrenti kienet qaltilha:

> *"jiena wahdi ma noqghodx ghax ma niflahx noqghod".*

L-intimata tghid li r-rikorrenti baqghet taccetta l-kera ghalkemm kienet taf li hi mhix toqghod fil-fond Haz-Zebbug. Fl-istess hin l-intimata tghid li Haz-Zebbug baqghet tmur dejjem xi darbtejn/tlieta fil-gimgha u li d-dar zammitha fi stat tajjeb. Konsum ta' ilma ma kienx hemm imma l-meter dejjem inqara. L-intimata wara l-imwiet fil-familja marret lura mentalment u kien ghalhekk li fiz-zmien imsemmi marret ma' bintha li tatha kamra, imma qatt ma hadet kura. L-intimata tiekol u torqod ghand bintha.

13. Illi l-intimata daqqa tghid li telqet u li kien hemm l-akkwiexxenza tas-sid u daqqa tghid li baqghet izzomm il-fond. Il-kaz jipprezenta certi diffikultajiet imma l-Bord jasal ghall-konkluzzjoni fl-isfond tal-provi mressqa u tal-gurisprudenza fuq imsemmija, u dan minghajr ma jaqleb il-piz tal-provi, li l-intimata telqet mid-dar ghal kollox biex tghix ma' bintha u marret lura kif saret taf bir-rikors.

14. Ghalhekk il-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jaghtiha permess li terga' tiehu f'idejha l-fond 11/12 Triq it-Twila, Haz-Zebbug, Malta; ghat-twettieq tas-sentenza jaghti sa sitt (6)xhur zmien millum; Spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.**"**

L-appellipprezentat mill-intimata fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu cirkoskritt ghall-impunjattiva tar-ragonament tal-Bord u dik tac-certezza morali tieghu illi fl-isfond tal-provi hi kienet abbandunat il-fond lokat f' Haz-Zebbug. Fuq din il-bazi generali l-appellanti tissingola l-aspetti varji ta' dan l-istess ragonament, mira tal-kritika taghha, u tghaddi biex ticcensura l-konkluzjoni tal-Bord;

Fis-sistema tal-ligi taghna, ghallanqas skond l-izviluppi gurisprudenzjali, f’ materja ta’ non-uzu ta’ fond ta’ abitazzjoni jew ta’ allegat abbandun tal-fond, it-tribunal irid ikun gwidat minn zewg principji:-

(1) L-ewwel principju hu dak generali. Jigifieri, illi n-non-uzu ghal zmien sostanzjali hu parifikat ghal kambjament tad-destinazzjoni. Tali principju japplika sew ghall-fondi kummercjali kemm ghad-djar ta’ l-abitazzjoni. Ara “**Tabib Dr. Louis Camilleri -vs- Valerio Valente *et***”, Appell, 28 ta’ Mejju 1979;

(2) Dan il-principju jinsab temprat mill-konsiderazzjoni konsegwita mit-tieni principju, ta’ indoli specjali u eccezzjonali, illi fil-kaz ta’ certi persuni li jkunu qed jghixu wehidhom u li jirrikoveraw ruhhom f’ xi istitut, sptar jew dar ta’ membri tal-familja, ma jitqiesux li abbandunaw il-fond mikri. Ara ‘**Lino Bonnici -vs- Michelina Livori**”, Appell, 30 ta’ Novembru 1983;

Linejarment ma’ l-ewwel principju suddett hi disposizzjoni cara tal-Kodici Civili, ex-Artikolu 1554 (a), illi l-kerrej ghandu jinqeda bil-haga “ghall-uzu miftiehem”. Li jfisser illi fejn il-kerrej ikun assuma b’ obbligu uzu determinat u specifikament assunt minnu huwa ma jistax jastjieni ruhu milli jaghmel uzu tal-haga. Apparti l-godiment li l-kerrej jidderivi minnu, l-uzu ta’ fond hu mahsub u intiz bhala l-mezz normali tal-konservazzjoni tieghu u allura hekk servjenti biex tigi skansata l-hsara materjali tieghu u evitat dannu lill-interessi tas-sid. Din il-Qorti gja kellha okkazjoni tissottolineja dan il-punt anke fil-kaz fejn l-abbandun mill-kerrejja tal-fond kien impost fuqha minn ragunijiet ta’ sahha. Ara “**Michael Fenech *et* -vs- Michelina Spagnol**”, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta’ April 2005. Fiha nghad proprju dan: “L-abbandun ta’ fond, anke ghal motivi ta’ sahha, ma kellux imbaghad jissarraf fid-deterjorament tal-fond. Dan ghaliex l-obbligu tal-harsien tieghu da parti tal-kerrej ma kellu jonqos qatt, anke ghal dik l-istess raguni specjali”;

Fil-kaz prezenti tali deterjorament ma jissussistix, ossija l-appellata minn imkien ma gabet prova minima ghas-sostenn tal-kawzali taghha illi l-fond, ghal fatt ta' l-abbandun, thalla fi stat bhal dan. Dan hu wkoll hekk rikonoxxut mill-Bord. Li trid tara din il-Qorti huwa jekk il-Bord ghandux ragun fid-deduzzjoni tieghu illi kien hemm da parti ta' l-appellanti dak l-abbandun totali tal-fond mikri bi ksur ta' l-ewwel principju fuq espress;

Mill-attijiet probatorji tal-kawza jinsab pruvat illi l-appellanti dahlet toqghod fil-fond *de quo* maz-zwieg fl-1958. Fit-28 ta' Settembru 1996 mietilha t-tifel, guvni ta' 37 sena, u stit xhur wara, precizament fil-15 ta' April 1997, mietilha wkoll zewgha ta' 60 sena (ara certifikati tal-Mewt a fol. 55 u 56). Jinghad illi f' dan iz-zmien difficli l-appellanti waqghet f' *depression*. Skond bintha, ix-xhud Nancy Mangion (fol. 41) kienet ticcassa, ma kienetx tiekol u naqset fil-piz. Dan hu hekk ikkonfermat ukoll mix-xhud Cettina Farrugia, habiba u gara ta' l-appellanti. Ara Affidavit taghha a fol. 53. Hu provat illi f' dak l-istess zmien, tenut rigward li l-appellanti ma kienetx ta' wehidha, din marret toqghod fid-dar ta' bintha mizzewga fil-Bahrija. Minn dan hu evidenti illi l-prova gravanti fuq l-appellanti ta' l-abbandun hi skontata. Jifdal li jigi kkonsidrat jekk dan l-abbandun kienx wiehed komplet u, fundamentalment, jekk kienux jezistu cirkostanzi specjali tali li jinducu ghal konvinzjoni illi b' dak l-abbandun ma kienx hemm l-intenzjoni u l-fatt oggettiv tal-bdil tad-destinazzjoni tal-fond;

Jirrizulta mill-provi illi l-appellanti kienet fiz-zmien tas-sistemazzjoni taghha fid-dar ta' bintha tinzel fil-fond mikri minn darba sa darbtejn, u gieli aktar, fil-gimgha fejn kienet taghmel xi facendi fih. Skond bintha, ommha kienet marbuta ma' Haz-Zebbug u mad-dar in partikulari fejn trabbiet u rabbiet il-familja taghha. Il-provi juru wkoll illi ghalkemm meta nghaqdet mat-tifla hadet xi hwejjeg personali taghha, fid-dar lokata halliet l-ghamara kollha. Huwa veru li kif iddikjarat mix-xhud Neville Young ghal Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma ma kienx hemm konsum ta' dawl u ta' ilma f' dan il-perijodu (ara xhieda

tieghu a fol. 22), izda, daqstant iehor huwa veru illi l-*meter reader* dejjem gie provdut b' access ghal fond biex jiehu r-*readings* u l-kontijiet, anke jekk tal-kera tal-*meter* biss, dejjem intbaghtu lill-appellanti u din hallsithom. Gie inoltre pprovat illi ghall-uzu ta' kamra fid-dar ta' bintha l-appellanti ma kienet taghmel ebda kontribut jew hlas ta' xi korrispettiv ta' affitt. Irid jinghad finalment illi fil-mori tal-kawza l-appellanti rritornat lura ghal kollox fid-dar mikrija;

Mill-provi kollha premessi din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni illi l-aggravju ta' l-appellanti hu wiehed sostenibbli u ben suffragat anke mill-kazistika in materja. Sincerament din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Bord, ghall-ezattezza minghajr wisq approfondiment, ghogbu jikkonkludi li l-appellanti telqet id-dar ghal kollox. Fuq l-evalwazzjoni taghha, il-provi dan ma jsostnuhx. Pjuttost, l-invers hu l-kaz in kwantu c-cirkustanzi jissuggerixxu illi l-appellanti, mhux biss ghax hu hekk mistqarr minnha, ma kellha qatt l-intenzjoni li tabbanduna l-fond mikri jew li tirrinunzja ghal kirja;

Huwa veru li n-nuqqas ta' esebizzjoni ta' certifikat mediku jista' jkun fattur indikattiv illi jinduci ghas-suspett illi l-kundizzjoni psikika ta' l-appellanti ma gietx ipprovata. Jigi osservat pero` illi l-fatt notorju ma jirrikjedi ebda prova konkreta ghas-sostenn tieghu. Ir-raguni tiddetta illi fic-cirkustanzi pervenuti bil-mewt ghallarieda ta' binha u ta' zewgha fi zmien hekk qaisr hu wisq notorju u fl-esperjenza komuni illi l-appellanti ma kellhiex dak l-istat mentali li serenement jhalliha taffronta wehidha l-qaghda tragika li laqtitha. L-ezistenza oggettiva ta' din is-sitwazzjoni hi rikonoxxuta mill-generalita` tal-bnedmin u m' hemmx ghalfejn wiehed joqghod jaghti prova taghha;

Solitament fil-kazijiet ordinarji ta' non-uzu, il-fattur tat-tul ta' zmien ta' dak l-istess non-uzu jigi evalwat biex ikun determinat jekk il-kerrej ikunx tabilhaqq qed juza l-fond mhux skond id-destinazzjoni tieghu. Invece, fil-kazijiet specjali fejn il-kerrej ikun abbanduna il-fond ghal ragunijiet

gustifikativi, it-tul ta' zmien li matulu l-kerrej ma juzax il-fond mhux meqjus skond gurisprudenza pacifika, bhal kriterju konklussiv li jwassal ghall-abbandun. Ara "**Yvonne Cachia *et* -vs- Avv. Dr. Joseph Zammit Mckeon *nomine***", Appell mill-Bord, 23 ta' April 1998. F' dan il-kaz l-intimata kienet ilha rikoverata l-Isptar San Vincenz de Paule ghal aktar minn hames (5) snin. Similment, l-inkwilina Caterina Simiana kienet ilha gja erba' (4) snin tabita fid-dar ta' bintha mizzewga. Ara "**Mary Abela *proprio et nomine* -vs- Joseph Camilleri**", Appell Inferjuri, 22 ta' April 1986 u fil-kaz ta' l-inkwilina fil-kaz "**Inez Agius -vs- Jane Scicluna**", Appell mill-Bord, 8 ta' Novembru 1994, aktar minn ghaxar (10) snin;

Biex dak it-tul ta' zmien ikun kriterju siewi dan necessarjament kellu jkun akkopjat ma' fatti ohra cirkostanzjali. Ad ezempju, dwar jekk il-kerrej ikunx zvojta l-fond lilu mikri mill-effetti personali tieghu u qabad u qeghedhom band' ohra; dwar jekk kienx jircevi korrispondenza jew kontijiet fuq xi fond iehor; dwar jekk kellux il-karta ta' l-identita tieghu registrata band' ohra. Ara "**George Felice -vs- Gianni Grima**", Appell mill-Bord, 28 ta' Gunju 2001;

Manifestament mill-kwadru tal-provi f' dan il-kaz jinsab accertat illi ghalkemm kien hemm it-tul ta' zmien (7 snin) minn meta harget mill-fond mikri sakemm irritornat lura fih, l-appellanti dejjem zammitu bhala r-residenza taghha u frekwentement anke matul dak l-istess zmien kienet tmur fih. Fih ukoll zammet l-ghamara kollha taghha. Hi ma kellha fil-verita ebda abitazzjoni alternattiva ghax il-fond l-iehor li fih irresjediet kien ta' bintha u ta' zewgha u mhux taghha. Fuqu ma kellha ebda dritt legali u jekk qaghdet fih dan kien bil-beneplacitu ta' bintha u ta' zewgha u mhux minhabba xi dritt li jaghtiha sikurezza legali. Fi kliem is-sentenza "**Carmelo Ritchie -vs- Anthony Vassallo**", Appell, 14 ta' Gunju 1996, "ghalhekk fic-cirkustanzi ma jistax jinghad li kien hemm abbandun tal-fond li jammonta ghal tibdil ta' destinazzjoni tal-fond bil-fatt li l-appellant ma baqax jorqod fil-fond ghal raguni valida".

Ghal dawn il-motivi kollha u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tichad it-talba ta’ l-appellata ghar-ripreza tal-pussess tal-fond. L-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------